KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 48/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48

*L-Erbgħa 29 ta' Awwissu, 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar L-Erbgħa 29 ta' Awwissu. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa- *Vici Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Seychell, Muscat u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr.47 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 3.2 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-applikazzjoni tal-libreriji sargħet sabiex isir investiment fl-għamara skond il-ħtiġijiet tal-istess libreriji wara laqgħat li saru mad-Dipartiment konċernat u l-Librara stess.

## 3. Korrispondenza

3.1. Notifika mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar applikazzjoni li ġiet sottomessa lill-istess awtorità sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fil-pjazza Ant. De Paule. Il-membri iddiskutew din l-applikazzjoni u qablu li għanda issir sottomissjoni fejn turi li l-Kunsill m'huwiex kontra fil-prinċipju li jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet fil-Pjazza però dan għandu issir skond *masterplan* li qed isir għal Pjazza De Paule.

3.2. Ittra mill-Uffiċju tal-President dwar il-Fun Run 2018. Il-membri qablu li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni biex isir tluq minn Paola.

3.3. Korrispondenza mingħand l-iskemi li qed joffru lil Kunsilli ġbir ta' ħwejjeġ mill-lokalita. Il-membri raw iż-żewġ proposti u qablu li filwaqt li l-proposta ta' Malta Textile recycling tidher aktar vantaġġuża talbu li dan l-operatur iforni kemm il-kontenituri għal dawn il-ħwejjeġ kif ukoll li jopera ġabra bl-appuntament u mhux bieb-bieb. Il-Kunsillier Spiteri kompla li jekk ser ningħataw xi fondi skond kemm jitpoġġew kontenituri dawn għandom jiżdiedu mal-fond li jippreżenta il-Kunsill lill-Istrina sabiex dawk kollha li jkunu qed jipparteċipaw ikunu wkoll qed jikkontribwixxu għall-Istrina.

3.4. Ittra mingħand il-Kunsillier Bartolo fejn qed jistaqsi dwar il-proġett tal-pjazza. Il-membri qablu li tintbagħat risposta lill-istess Kunsillier fejn tgħid illi:

3.4.1. L-amministrazzjoni tal-pjazza, ser tgħaddi f'idejn il-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

3.4.2. Jintalbu aktar dettalji dwar dawn l-żbalji li allegatament l-Kunsillier Bartolo qed jgħid li saru fil-Pjazza.

3.4.3. Kull membru tal-Kunsill huwa fil-libertà li jistaqsi jew jitlob laqgħat direttament mal-On. Parnis.

3.5. Korrispondenza mingħand EFFORTS dwar stedina sabiex il-Kunsill Lokali Paola jipparteċipa f'kungress u Laqgħa Ġenerali annwali ġewwa Venezja li ser iwittu it-triq għall-applikazzjoni ġdida ta' proġett li ser isegwi l-proġett ATFORT li tiegħu kien parteċipi il-Kunsill. Il-membri qablu li issir l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill ikun parteċipi f'din il-laqgħa u jirreġistra f'isem il-Paola Heritage Foundation. Is-Sindku kompla li fil-ġimgħat li ġejjin ser jiltaqa' mal-Konsulent tal-Kunsill dwar proġetti Ewropej dwar l-applikazzjonijiet pendenti tal-Kunsill.

## 4. Staff

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lil membri ir-rapport ta' Evalwazzjoni b'rabta mas-sejħa ta' skrivan wara li sargħet is-sejħa fil-pubbliku hekk kif l-impjegata approvata fil-laqgħa preċedenti m'aċċettatx l-impjieg. Il-membri iddiskutew u approvaw ir-rapport ta' evalwazzjoni.

## 5. Jum Paola

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi wara li saru kummenti fuq facebook dwar l-parteċipazzjoni tas-Soċjeta Fil. 11 ta' Frar fl-attività ta' Jum Paola ta' din is-sena, ikun ferm għaqli li dan jiġi diskuss u ċċarat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li s-sena l-oħra l-attività ta' Jum Paola sargħet mal-baned tal-paroċċi Kristu Re fid-dawl tal-okkażjoni tas-sena l-oħra u apparti minn hekk l-attività kienet iddur minn parroċċa għal oħra u jkun is-sena id-dieħla li jmiss is-Soċjeta 11 ta' Frar biex tipparteċipa. Għaldaqstant il-membri qablu li dan ikun iċċarat u f'każ li l-Banda tal-Pulizija ma tkunx tista' tipparteċipa, kif anke diskuss fl-aħħar laqgħa, l-attività ta' Jum Paola issir mas-Soċjetà 11 ta' Frar.

5.2. Il-Kunsillier Lynch qal li huwa min-naħa tiegħu kompla jagħmel pressjoni mal-entitajiet konċernati sabiex tingħata risposta dwar sehem il-banda tal-Pulizija kif ukoll ħa ħsieb li jitlob kwotazzjonijiet ta' midalji li ser jingħataw bħala Ġieħ Paola. Il-membri approvaw id-disinn preżentat kif ukoll l-ispejjeż relatati.

5.3. Il-Kunsillier Lynch qal ukoll li fil-ġranet li ġejjin ser tintbagħat email lill-għaqdiet sabiex jintalbu nominazzjonijiet għal Ġieħ Paola/Rikonoxximenti. Il-membri qablu li għall-unur ta' Ġieħ Paola tingħata midalja u ċertifikat u għar-rikonoxximenti jingħata *token*.

## 6. Armar Milied 2018

6.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li wara li fil-festi tal-parroċċi il-Kunsill daħħal ammont ta' fondi b'rabta mal-permessi tal-imwejjed u siġġijiet, ħaseb illi għandu jinħoloq premju li jkun marbut mal-armar tal-Milied 2018 sabiex parti minn dawn il-fondi tmur għand l-għaqdiet. Il-membri qablu li għanda issir din il-kompetizzjoni filwaqt li l-fondi jingħataw skond dak li sar is-sena l-oħra. Il-membri iddiskutew kif u l-aħjar għandom ikunu l-premjijiet u qablu li sa laqgħa oħra ikun konfermat l-premju u l-metodu li ser ikun użat. Fuq proposta tas-Sindku il-membri qablu li issir ukoll attività fi żmien il-Milied li fiha jiġu ppreżentati ir-riżultati.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku qal li għadu qed jistenna mingħand il-kuntratturi sabiex jibda ix-xogħolijiet ta' *major patching* fosthom fi Triq Britannja.

7.2. Dwar Ġnien Lorry Sant is-Sindku informa lil membri illi wara li tlesta id-dawl kompla ix-xogħol fuq il-ħitan b'kimika partikolari li però qiegħda *out of stock* u kellu jitwaqqaf ftit ix-xogħol.

7.3. Is-Sindku informa lil membri illi wara li Triq il-Baċir ġiet asfaltata bis-servizzi ġodda qed isir pressjoni mal-Enemalta sabiex isir id-dawl fuq l-arbli.

7.4. Is-Sindku informa lil membri li ftit ġranet ilhu iltaqa' mal-Awtorità tat-Turiżmu dwar il-ħtieġa ta' infurzar fuq l-iskart li jinħareġ mill-ħwienet tal-ikel fid-dawl tal-obbligi legali li anke għandom dawn il-ħwienet. Huwa kompla li fl-istess laqgħa ġie infurmat li għandu isir l-infurzar fil-ġranet li ġejjin.

Kompla billi qal li il-problema tibqa sejra sal-armar tal-monti u l-illegalitajiet li isiru speċjalment fejn jidħol l-ambjent. Il-membri qablu li f'każ li l-problema tibqa kif inhi is-suq għandu jingħalaq u f'każ li jkollna filmati ta' CCTV dwar dawn il-każi u oħrajn jiġu ppublikati skond kif tippermetti il-liġi.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar faċilitajiet ta' *un/loading* fil-parti ta' fuq tal-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li qed jistenna l-approvazzjoni mingħand Transport Malta.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 48 għas-somma ta' €24,902.37 kif ukoll ir-rapport ta' kull kwart għal perjodu April-Lulju 2018.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku